MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1416/2000/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Mario Spiteri u Rita Spiteri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2000 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet msemmija kuntratt datat 21 t'April, 1999 fl-atti Nutar Dottor Antoine Agius (Dok "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Mario Spiteri u Rita Spiteri.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Mario Spiteri u Rita Spiteri fis-somma ta’ elf, erba’ mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,477.76) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Current Accounts” ta’ Mario Spiteri u Rita Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “B” u”C”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Marzu 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lil Mario Spiteri u Rita Spiteri jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,477.76) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Current Sccounts” ta’ Mario Spiteri u Rita Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B” u “C”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Marzu 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunt minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa minn P.L. Joseph Zammit ID 19834 (G) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fl-20 ta’ Settembru, 2000 li permezz taghha il-konvenuta Rita Spiteri eccepixxiet:

1. Illi l-konvenuta Rita Spiteri mhijiex responsabbli tad-debitu, stante illi l-kunsens taghha kienet vvizjat bil-vjolenza, b'hekk it-talbiet tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici ma zammitx mal-kundizzjonijiet mwieghda lilha, jigifieri li l-pagamenti jsiru bi standing order mill-paga tal-konvenut Mario Spiteri.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Rita Spiteri ID 243862 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-ammissjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lil-Prokuratur Legali Joseph Zammit bhala xhud prodott mill-bank attur.

Ikkunsidrat.

Illi l-unika vertenza f'din il-kawza hija l-eccezzjoni tal-konvenuta illi l-kunsens taghha kien vizjat bil-vjolenza u li s-socjeta' attrici ma zammitx il-kondizzjonijiet miftehma fis-sens li l-pagamenti jsiru bi standing order mill-paga tal-konvenut.

Il-konvenuta meta xehdet a fol 24 tal-process qalet illi f'dak iz-zmien (li kienet qed tixhed) kinet ghaddejja bi proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha l-konvenut. Qalet li l-konvenut uza mezzi ta' vjolenza biex gieghla tersaq ghall-kuntratt u qalet ukoll li l-manager tal-bank taha x'tifhem li l-pagamenti kienu se jinqatghu mill-paga tal-konvenut.

Dr. Vella Baldacchino fix-xhieda tieghu qal li l-konvenuta kienet ilha klijenta tieghu sa mill-1994 u kienet tbati minn depressjoni akuta, u li kien meta l-konvenut abbanduna d-dar konjugali illi bdiet tigi t'taghha. Ix-xhud De Cesare qal a fol 49 tal-process li kienet il-konvenuta li avvicinatu bhala ufficjal tal-bank biex tiehu s-self u kien qalilha li kien hemm bzonn il-firma ta' zewgha ghall-kuntratt.

Fil-verita' fil-waqt li jista' jkun li l-konvenuta giet indotta tersaq ghall-kuntratt minn zewgha, il-bank ma ghandhux jigi penalizzat ghaliex certament ma kienx il-bank li uza l-vjolenza u jekk din giet ezercitata l-konvenuta jkollha dritt ta' regress *si et quatenus*. Fir-rigward tal-istat mental tal-konvenuta ma hemm ebda eccezzjoni. Ghalhekk l-eccezzjonijiet taghha se jigu respinti.

Tiddeciedi l-kawza billi, fuq ammissjoni tal-konvenut u cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. Tikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta' elf erba' mija u sebgha u sebghin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm1477,76c) flimkien ma' imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 2002 jigu sapportati mill-konvenuti

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------